Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 22 ta' Settembru 2025**
**(OR. en)**

**12679/25**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2023/0055 (COD)**

**CODEC 1238**
**TRANS 373**
**JAI 1225**
**CATS 40**
**COPEN 251**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Abbozz ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva (UE) 2025/... fir-rigward ta' ċerti skwalifiki tas-sewqan **(l-ewwel qari)**<br>- Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill |

1. Fl-1 ta' Marzu 2023, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta[1] tagħha lill-Kunsill, ibbażata fuq l-Artikolu 91(1), il-punt (c), TFUE.

2. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ta l-opinjoni tiegħu fil-25 ta' April 2023[2].

3. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fl-14 ta' Ġunju 2023[3].

4. Il-Kumitat tar-Reġjuni ġie kkonsultat u ddeċieda li ma jagħtix opinjoni.

[1] 6796/23 + ADD 1-3.
[2] ĠU C 175, 17.5.2023, p. 4.
[3] ĠU C 293, 18.8.2023, p. 133.

5. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fis-6 ta' Frar 2024[4].

6. Fit-30 ta' April 2025, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma l-ftehim proviżorju li ntlaħaq mill-koleġiżlaturi dwar id-Direttiva[5] msemmija hawn fuq, wara kuntatti informali bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew.

7. Fl-14 ta' Mejju 2025, il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (TRAN) tal-Parlament Ewropew ikkonferma l-ftehim proviżorju milħuq mill-koleġiżlaturi dwar id-Direttiva msemmija hawn fuq. Sussegwentement, il-President tiegħu bagħat ittra lill-President tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fejn iddikjara li l-Parlament Ewropew għandu, fit-tieni qari tiegħu, japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (wara reviżjoni mill-ġuristi lingwisti) mingħajr emendi.

8. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, kif tinsab fid-dokument 8351/25 + COR 1, u d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet, kif tinsab fid-dokument 8351/25 ADD 1, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss, bl-astensjoni tal-Awstrija.

---

[4] 10680/24.
[5] 7702/25 + ADD 1-2.